Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/0813(NLE)

9.11.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Hans Lindblad għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0379/2023 – 2023/0813(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Angelika Winzig

PR_NLE_art108

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....3

ANNESS 1: CURRICULUM VITAE ta' HANS LINDBLAD.....4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' HANS LINDBLAD GĦALL-KWESTJONARJU.....9

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Hans Lindblad għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0379/2023 – 2023/0813(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0379/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi, bl-ittra tas-16 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Hans Lindblad għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fid-29 ta' Novembru 2023, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Hans Lindblad għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: CURRICULUM VITAE ta' HANS LINDBLAD

Curriculum vitae

Edukazzjoni

2010 Dottorat fl-Ekonomija, l-Università ta' Stokkolma
Titolu tat-teżi: *Essays on Unemployment and Real Exchange Rates*

1996 Lawrja ta' Liċenzjat, l-Università ta' Stokkolma
Titolu tat-teżi: *Persistence in Swedish Unemployment Rates*

1986 Grad ta' Baċellerat tax-Xjenza, l-Università ta' Stokkolma

1981 Grad ta' Baċellerat tax-Xjenza fl-Istudji Militari, il-lieva tal-uffiċjal, l-Akkademja Navali ta' Näsbypark

1979 Bakkalawrjat, ix-Xjenzi Naturali, Saltsjöbadens Samskola [skola koedukattiva ta' Saltsjöbaden]

Pożizzjonijiet u dmirijiet

President, Produktivitetskommissionen [Kummissjoni tal-Produttività] (Fi 2023:03)
Kummissjoni ta' inkjesta uffiċjali.

2022 - preżent Membru tal-Bord, Aġenzija Żvediża għall-Għażla tal-Fondi
Sal-lum, il-ħidma għall-bord kienet tinvolvi t-twaqqif tal-awtorità l-ġdida.

2022 - preżent Membru tal-bord tad-diretturi ta' Nordiska Investeringsbanken [Bank Nordiku tal-Investiment]
Attivitajiet ta' ġestjoni standard f'istituzzjoni finanzjarja, filwaqt li jitqies il-fatt li l-Iżvezja tirrappreżenta ftit aktar minn terz tal-kapital tal-bank. L-enfasi tal-bank hija fuq il-finanzjament ta' diversi proġetti sostenibbli. Il-kompitu tal-bord tad-diretturi huwa, fost affarijiet oħra, li jeżamina l-applikazzjonijiet tal-proġetti, li jerfa' r-responsabbiltà għall-konformità u li jiżgura li l-kontijiet ikunu korretti u li jintlaħqu l-objettivi tal-bank.

2013 - ħidma li għadha għaddejja Membru tal-bord tal-fiduċjarji tal-SNS [Ċentru għall-Istudji dwar in-Negozju u l-Politika]
L-SNS huwa wieħed mill-aktar gruppi ta' riflessjoni ta' reputazzjoni tajba fl-Iżvezja. Li tkun membru jfisser, fost affarijiet oħra, li żżid l-għarfien dwar il-SNS. Għandha titqies ukoll bħala pożizzjoni onorarja.

2023 - 2023 Membru, Kommuninvest [Aġenzija Żvediża għall-finanzjament tal-gvern lokali] kumitat tar-riċerka
Konsulent għall-kunsill xjentifiku ta' Kommuninvest.

2023 - 2023 Membru supplenti tal-bord tad-diretturi, Regelrådet [Kunsill Żvediż għal Regolamentazzjoni Aħjar]
Regelrådet jevalwa l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-gvern ta' diversi proposti.

2022 - 2023 Kap uffiċjal eżekuttiv, Högskolan Väst [Università West]
Ħidma ta' ġestjoni standard, inkluż is-segwitu għall-objettivi, il-kontijiet u d-dokumenti ta' politika. Högskolan Väst tispeċjalizza f'tagħlim integrat max-xogħol, li jseħħ f'kollaborazzjoni kemm mas-settur pubbliku kif ukoll ma' dak tan-negozju.

2015 - 2023 Membru tal-Bord, Arbetsförmedlingen [Uffiċċju tax-Xogħol]
Fl-ewwel snin, il-ħidma kienet ikkaratterizzata minn aktar attivitajiet ta' ġestjoni standard. Twettqet ħidma estensiva bil-għan li jiġu żgurati l-konformità, l-akkwist xieraq u l-mira tal-funzjonalità u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni, eċċ. F'dawn l-aħħar snin, l-enfasi nbidlet favur l-għajnuna biex isiru bidliet fundamentali fl-istruttura, fil-kultura interna u fl-organizzazzjoni tal-Uffiċċju. Id-diġitalizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-investimenti tal-IT kienu elementi

ewlenin fl-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza.

2022 Rapporteur: Finansiering av näringslivets gröna omställning [Il-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tan-negozju].
Il-missjoni kienet, fost affarijiet oħra, li jiġu identifikati l-ostakli possibbli għall-finanzjament tas-settur tan-negozju tat-tranżizzjoni ekoloġika tiegħu u li jiġu ssuġġeriti modi possibbli li jiġu evitati bihom. Fost is-suġġetti diskussi fir-rapport hemm ir-rwol tas-sistema tal-pensjonijiet f'dak il-kuntest.

2013 - 2022 Direttur Ġenerali ta' Riksgälden [Uffiċċju Żvediż tad-Dejn Nazzjonali] u Kap ta' Riksgäldskontoret [Uffiċċju Żvediż tad-Dejn Nazzjonali].
Id-Direttur Ġenerali ta' Riksgälden huwa l-kap ta' Riksgäldskontoret (Riksgälden), li, meta tlaqt, kien jimpjega madwar 230 persuna. L-erba' kompiti ewlenin ta' Riksgälden huma li jaġixxi bħala l-bank intern tal-Istat (madwar 200 miljun pagament, li jammontaw għal madwar SEK 7 000 biljun fis-sena), li joħroġ garanziji u krediti f'isem l-Istat, li jimmaniġġja d-dejn pubbliku, u li jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja. Dan tal-aħħar jinkiseb, fost l-oħrajn, billi jiġu ddefiniti r-rekwiżiti għall-kapital u d-dejn tal-banek, billi tintrefa' r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-banek fi kriżi f'każ ta' inadempjenza u billi tiġi amministrata l-garanzija tad-depożiti. Barra minn hekk, Riksgälden huwa responsabbli biex jiżgura l-finanzjament għall-ġestjoni u d-disponiment ta' fjuwil nukleari użat. L-operazzjonijiet huma intensivi fl-IT, u d-dipartiment tal-IT jikkonsisti f'madwar 60 persuna. Riksgälden jipparteċipa f'diversi fora internazzjonali, prinċipalment marbuta mad-disinn ta' sistemi ta' pagament u mal-istabbiltà finanzjarja. Il-mandat wiesa' tiegħu jinvolvi kuntatti estensivi ma' awtoritajiet oħra u mal-komunità tan-negozju.

Matul iż-żmien li għamilt bħala Direttur Ġenerali, l-awtorità għaddiet minn diversi bidliet strateġiċi u operazzjonali, parzjalment bħala riżultat tal-espansjoni mill-gvern tal-mandat ta' Riksgälden f'diversi direzzjonijiet differenti. L-aktar bidla sinifikanti kienet li jsir l-awtorità tal-Istat responsabbli għall-prevenzjoni tal-kriżijiet u, jekk ikun meħtieġ, għall-ġestjoni tal-banek fi kriżi, u għall-amministrazzjoni tal-garanzija tad-depożiti. Riksgälden ingħata wkoll kompiti speċjali matul il-pandemija tal-COVID-19 bil-għan li jitnaqqas il-piż fuq in-negozji u jiġi pprevenut it-telf ta' impjiegi. Fl-2018, il-gvern ittrasferixxa r-responsabbiltà tal-iżgurar tal-finanzjament għall-ġestjoni u d-disponiment tal-iskart nukleari mill-SSM [Awtorità Żvediża għas-Sikurezza Radjoloġika] lil Riksgälden. Il-bidliet li saru fl-attivitajiet tal-awtorità kienu jfissru l-aġġornament u t-tisħiħ tal-viżjoni, tal-objettivi strateġiċi, tal-kapaċità analitika u tal-enfasi tagħha. Fattur importanti ieħor kien il-ħatra ta' Riksgälden bħala awtorità ta' emerġenza. Dan introduċa rekwiżiti ġodda f'termini ta' reżiljenza, sigurtà, difiża ċivili u tħejjija. Matul iż-żmien li għamilt hemmhekk, il-bank intern tal-Istat biddel is-sistema tal-IT tiegħu. L-attivitajiet, is-sistemi tal-IT u r-responsabbiltajiet il-ġodda, kif ukoll defiċit finanzjarju inizjali, ġew iffinanzjati kompletament permezz tat-tfaddil, il-ġestjoni tal-impatt u s-simplifikazzjoni.

Il-bidliet li saru saħħew u ġeddew it-tmexxija u l-operazzjonijiet tal-korp f'termini ta' riżultati, skambju ta' ħiliet, reklutaġġ, employeeship u kultura. Kien partikolarment importanti li tiġi introdotta kultura pożittiva u kostruttiva bbażata fuq il-kollaborazzjoni, l-analiżi oġġettiva, il-valuri bażiċi tal-gvern ċentrali u approċċ ikkaratterizzat mir-rigorożità ta' ġestjoni tajba u li tiffunzjona tajjeb tal-każijiet u l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Il-ħidma rriżultat, fost affarijiet oħra, fil-valutazzjonijiet tal-istħarriġ tal-persunal li l-bord tat-tmexxija rrefera għalihom bħala "mingħajr preċedent".

Riksgälden għandu l-finanzi kollha tal-Istat fuq il-karta bilanċjali tiegħu. Dan, flimkien mal-bidliet sinifikanti li saru għall-attivitajiet tal-awtorità, kien is-suġġett ta' awditjar bir-reqqa. Fir-rwol tiegħi bħala kap tal-awtorità, kelli kooperazzjoni professjonali u mill-qrib ħafna u skambju ta' għarfien ma' Riksrevisionen [Uffiċċju Żvediż tal-Awditjar Nazzjonali] u mal-konsulenti li għenu fl-awditjar ta' Riksgälden. Tali awditjar mhux biss huwa importanti f'termini tal-mandat bażiku tal-awtorità, iżda Riksgälden ibbenefika wkoll mill-iskambju ta' għarfien li seħħ bejn l-awdituri, il-konsulenti u l-persunal tiegħu.

2013 - 2017 CEO, Returpack Svenska AB
Returpack huwa responsabbli għar-riċiklaġġ tal-laned tal-aluminju u tal-fliexken tal-PET. Matul iż-żmien li għamilt hemmhekk, il-fatturat tal-kumpanija kien ta' madwar SEK 2 biljun. Il-birreriji kummerċjali u dawk tal-Iżvezja għandhom proprjetà indaqs ta' Returpack. Minbarra d-dmirijiet

normali ta' CEO, il-kompiti tiegħi kienu li ngħin fl-iżvilupp strateġiku tal-isforzi ta' sostenibbiltà u ta' ġestjoni, u li ninnegozja mas-sidien dwar diversi kwistjonijiet u deċiżjonijiet kontenzjużi fir-rigward tad-direzzjoni.

2013 - 2020 President tal-bord, Grupp ta' Esperti għall-Ekonomija Pubblika, ESO
L-ESO hija kumitat taħt il-Ministeru għall-Finanzi u għandha l-kompitu li tanalizza u tiddiskuti kwistjonijiet soċjetali importanti b'mod indipendenti. Dan isir prinċipalment mill-bord li jiddeċiedi li jiffinanzja l-produzzjoni ta' diversi rapporti, li min-naħa tagħhom spiss iservu bħala bażi kkwalifikata għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

2014 - 2015 Membru tal-Kumitat tal-Intraprenditorija
Il-kompitu inizjali tal-Kumitat kien li jirrieżamina b'mod komprensiv il-kundizzjonijiet għall-intraprenditorija u l-impjiegi. Wara li bilkemm kienet għaddiet sena, il-gvern biddel l-enfasi tal-Kumitat, illimita l-mandat tiegħu u keċċa l-membri kollha tiegħu.

2006 - 2013 Segretarju tal-Istat għall-Baġit li jaqa' taħt il-Ministru tal-Finanzi, Ministeru għall-Finanzi
Matul iż-żmien li għamilt bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit, ir-rwol kien jikkonsisti fl-insegwiment b'mod attiv tal-formulazzjoni u l-iżvilupp tal-politika ekonomika u f'li nkun responsabbli għat-tħejjija u għan-negozjar tal-baġit tal-Istat fl-Uffiċċji tal-Gvern. Aspetti ewlenin ta' dik il-ħidma kienu jinkludu l-abbozzar ta' proposti dwar kif għandu jissaħħaħ il-"prinċipju ta' xogħol l-ewwel", inklużi bidliet f'diversi skemi tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni.

Is-Segretarju tal-Istat għall-Baġit kien fost il-grupp ta' mexxejja tal-partiti responsabbli għall-finalizzazzjoni tal-baġit. Il-ħidma kienet tinkludi wkoll l-adozzjoni kontinwa ta' pożizzjonijiet u t-tħejjija ta' kwalunkwe deċiżjoni li kellha jew li setgħet kellha implikazzjonijiet baġitarji. Dan kien ifisser li jiena ħadt sehem fil-biċċa l-kbira tal-ħidma preparatorja, inkluża t-tħejjija ġenerali mal-gvern u mal-biċċa l-kbira tal-gruppi ta' ħidma fl-Uffiċċji tal-Gvern. Il-ħidma kienet tinkludi l-preżentazzjoni tal-baġit kemm internament kif ukoll esternament, u r-rappreżentanza tal-Ministeru għall-Finanzi u tal-gvern f'diversi kuntesti.

Barra minn hekk, servejt bħala segretarju tal-Istat ta' koordinazzjoni fil-Ministeru għall-Finanzi. Dan kien ifisser, fost affarijiet oħra, li aġixxejt bħala President tal-kumitat ta' tmexxija tal-Ministeru, filwaqt li kont responsabbli għall-ippjanar operazzjonali u – permezz tal-kapijiet tad-dipartiment – mexxejt il-ħidma fil-Ministeru, u f'kooperazzjoni miegħu.

Is-Segretarju tal-Istat għall-Baġit attiva u mexxa t-tim tal-kriżi tal-Ministeru, u b'hekk kellu rwol ċentrali fil-ġestjoni ta' diversi kriżijiet. Dan sar partikolarment evidenti fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja tal-2008/2009 – kriżi li kienet kumplessa u multidimensjonali. Pereżempju, il-ħidma kienet tirrikjedi l-formulazzjoni malajr ta' qafas għall-ġestjoni tal-banek fi kriżi, inklużi proposti għal leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet tas-settur finanzjarju. Il-ġestjoni tal-kriżijiet kienet tinvolvi wkoll l-iżvilupp ta' diversi "pakketti għall-kriżijiet" għal reġjuni u setturi li kienu affettwati b'mod partikolarment sever. L-appoġġ għal pajjiżi affettwati oħra u r-rispons internazzjonali għall-kriżi kienu wkoll elementi ewlenin.

Fil-kuntest tal-UE, is-Segretarju tal-Istat għall-Baġit aġixxa bħala "ministru tal-baġit" fil-Kunsill tal-Ministri fir-rigward tal-baġit annwali tal-UE. Il-ħidma kienet tinvolvi n-negozjar tal-baġit annwali tal-UE kemm fil-Kunsill tal-Ministri kif ukoll f'negozjati ta' konċiljazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni Ewropea (imsejħa "trilogi"). Din kienet tinkludi wkoll l-abbozzar u l-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni tal-Iżvezja, l-iżgurar ta' mandat fil-Parlament Żvediż u l-komunikazzjoni esterna rigward dawk il-kwistjonijiet. Ara wkoll "Karigi internazzjonali" hawn taħt.

Fl-ewwel ftit xhur wara l-bidla fil-gvern fl-2006, jiena kont ukoll Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet tat-Taxxa.

2003 - 2006 Deputat Kap tal-uffiċċji parlamentari tal-Partit Moderat
Kap tal-madwar 15-il amministratur fl-uffiċċji, il-gradwati universitarji kollha. Matul il-perjodu inkwistjoni, kien hemm reviżjoni sostanzjali tal-politika tal-Moderati. L-istess applika għall-persunal, il-kompetenza u l-pożizzjoni tal-uffiċċji parlamentari bħala ċentru għall-bidla. Il-ħidma kienet tinkludi wkoll kemm il-konsolidazzjoni interna kif ukoll il-preżentazzjonijiet esterni.

1997 - 2003 Kap tad-Diviżjoni (żewġ diviżjonijiet differenti) u Deputat Direttur Ġenerali, Riksbank [Bank Ċentrali Żvediż].
Il-ħidma bħala l-kap tad-diviżjonijiet *Analiżi tal-Prezzijiet* u *Analiżi Makro* (madwar 6 u 20 membru tal-persunal rispettivament) kienet tfisser il-produzzjoni tal-previżjonijiet tar-Riksbank għall-ekonomija Żvediża u l-iżvilupp ta' metodi ta' ħidma. Bħala Deputat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Politika Monetarja (b'persunal ta' madwar 50 persuna), kont responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ħidma ta' previżjoni u għall-istabbiliment ta' linji gwida għad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja u għall-komunikazzjonijiet tal-bord tat-tmexxija ta' Riksbank. Il-ħidma kienet tinvolvi wkoll, pereżempju, ir-rappreżentanza ta' Riksbank f'diversi kuntesti esterni u l-parteċipazzjoni fil-konferenzi stampa.

1995 - 1997 Kandidat għad-dottorat u detentur ta' borża ta' studju, l-Università ta' Stokkolma
Studji postgradwatorji.

1989 - 1995 Desk Officer, Ministeru għall-Finanzi
Amministratur fid-Dipartiment tal-Ekonomija b'responsabbiltà għall-produzzjoni ta' diversi analiżijiet u previżjonijiet għall-ekonomija Żvediża. Il-kompiti tiegħi kienu jinkludu d-deskrizzjoni ta' xejriet ekonomiċi fit-tul, il-produzzjoni ta' valutazzjonijiet ta' nofs it-terminu f'konformità mal-istudji fit-tul u l-produzzjoni ta' analiżijiet u data għall-"Grupp tal-Pensjonijiet", kollha abbażi ta' diversi mudelli.

1986 - 1989 Assistent/amministratur tar-riċerka, Konjunkturinstitutet [Istitut Nazzjonali tar-Riċerka Ekonomika]
Amministratur responsabbli għall-previżjoni u l-iżvilupp metodoloġiku f'diversi partijiet tal-ekonomija Żvediża.

1985 L-Ewwel Uffiċjal, HMS Dämman

1982 L-Ewwel Uffiċjal, HMS Norsten

1980 Ospitant tal-iskola (part-time), Saltsjöbadens Samskola [skola koedukattiva ta' Saltsjöbaden]

1979 - 1980 Pustier, uffiċċju postali Saltsjöbaden 1

Responsabiltajiet oħra
Membru tal-Istatistika, il-Bord tal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Iżvezja, parzjalment bħala plenipotenzarju tal-gvern (1989-1992) u parzjalment bħala rappreżentant ta' Riksbank (1997-1999).

Membru tal-grupp ta' politika ta' Riksbank.

Membru tal-grupp ta' politika tal-Ministeru għall-Finanzi.

Karigi internazzjonali
2009 President tal-Kunsill tal-Ministri tal-ECOFIN BUDGET matul il-Presidenza Żvediża.
Il-ħidma kienet tinkludi l-abbozzar tal-proposta tal-Kunsill tal-Ministri għall-baġit annwali tal-UE għall-2010, li kien jirrikjedi negozjati estensivi mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Istati Membri. Wara dan, jiena mexxejt in-negozjati tal-Kunsill mal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, kont responsabbli għall-komunikazzjonijiet esterni dwar l-eżitu kemm tan-negozjati tal-Kunsill kif ukoll tad-deliberazzjonijiet mal-Parlament Ewropew. Il-kompiti kienu jinkludu wkoll il-konsolidazzjoni tal-pożizzjonijiet u l-mandat ta' negozjar fil-Parlament Żvediż.

2006 - 2012 Il-"Ministru" Żvediż fil-Kunsill tal-Ministri ECOFIN BUDGET.
Il-ħidma kienet tinvolvi d-diskussjoni, l-insegwiment u n-negozjar tal-pożizzjoni tal-Iżvezja dwar il-baġit annwali tal-UE fil-Kunsill tal-Ministri, vis-à-vis il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Il-ħidma kienet tinvolvi wkoll ħidma ta' konsolidazzjoni kontinwa fil-Parlament Żvediż, kif ukoll komunikazzjonijiet esterni.

2013 - 2022 Riksgälden huwa rrappreżentat f'diversi fora internazzjonali, prinċipalment marbuta mal-

istabbiltà finanzjarja.

Ħadt sehem, fost l-oħrajn, fil-kumitati ta' riżoluzzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB).

2022 - present Membru tal-bord tad-diretturi ta' Nordiska Investeringsbanken [Bank Nordiku tal-Investiment] (ara hawn fuq).

Pubblikazzjonijiet

2022 Finansiering av näringslivets gröna omställning [Il-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tan-negozju], rapport, Uffiċċji tal-Gvern

2010 Essays on Unemployment and Real Exchange Rates, teżi tad-dottorat.

2006 A Simultaneous Model of the Swedish Krona, the US Dollar and the Euro Sveriges Riksbank.

2003 The Equilibrium Rate of Unemployment and the Real Exchange Rate, Sveriges Riksbank.

2003 Penningpolitiken och EMU [Il-politika monetarja u l-UEM], Sveriges Riksbank, editur.

2001 Wage Effects of Mobility, Unemployment Benefits and Benefit Financing, Sveriges Riksbank.

1997 Persistence in Swedish Unemployment Rates, teżi tal-lawrja ta' liċenzjat.

1988 Två undersökningar av hushållens konsumtion [Żewġ stħarriġiet dwar il-konsum tal-unitajiet domestiċi], Konjunkturinstitutet [Istitut Nazzjonali tar-Riċerka Ekonomika].

1987 Hushållens köpkraft, konsumtion och sparande [Il-kapaċità tal-akkwist, il-konsum u l-iffrankar tal-unitajiet domestiċi], Konjunkturinstitutet [Istitut Nazzjonali tar-Riċerka Ekonomika].

Affarijiet Oħra

B'mod parallel mal-istudji tiegħi, jiena qattajt diversi sjuf naħdem bħala istruttur tal-edukazzjoni taż-żgħażagħ fis-Sjövärnskåren [Korp Navali Awżiljarju Żvediż], fit-telekummerċjalizzazzjoni fl-IBM u bħala pustier. Barra minn hekk, kont membru tal-bord tas-Sjövärnskåren ta' Stokkolma u President ta' assoċjazzjoni tal-akkomodazzjoni fi Stokkolma. Irċevejt ordni tal-mertu tal-fidda mis-Sjövärnskårernas Riksförbund [Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Korp Navali Awżiljarju] u l-midalja ta' Sjövärnskåren ta' Stokkolma.

Fl-2019, irċevejt il-midalja NOR (Nit och Redlighet i rikets tjänst [Għas-Servizz Żeluż u Ddedikat lir-Renju]) għal 30 snin fis-servizz tal-Istat.

Fl-2023, irċevejt il-midalja tal-Maestà Tiegħu, ir-Re fit-12-il klassi tal-Ordni tas-Serafini għal "Kisbiet pendenti fl-amministrazzjoni tal-Istat Żvediż".

Inqatta' l-ħin liberu tiegħi mal-familja u mal-ħbieb, fil-villeġġjatura għas-sajf fl-arċipelagu ta' Stokkolma, fejn ninvolvi ruħi fi tbaħħir rikreattiv, nivvjaġġa u nesplora d-dinja naturali.

Jien ngħix mas-sieħba tiegħi u għandi żewġt itfal bniet kbar minn żwieġ ieħor.

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' HANS LINDBLAD GĦALL-KWESTJONARJU

Kwestjonarju għal Kandidati għas-Sħubija fil-Qorti tal-Awdituri

Esperjenza professjonali

1. **Jekk jogħġbok elenka l-esperjenza professjonali tiegħek fil-finanzi pubbliċi, sew jekk hija fl-ippjanar baġitarju, fl-implimentazzjoni jew fil-ġestjoni tal-baġit, jew fil-kontroll jew l-awditjar tal-baġit.**

Tweġiba: Għandi aktar minn 30 snin esperjenza bħala impjegat taċ-ċivil fl-amministrazzjoni tal-Istat. Pereżempju bħala:

- ***Direttur Ġenerali ta' Riksgälden [Uffiċċju Żvediż tad-Dejn Nazzjonali] u Kap ta' Riksgäldskontoret [Uffiċċju Żvediż tad-Dejn Nazzjonali] għal disa' snin.***

Id-Direttur Ġenerali ta' Riksgälden huwa l-Kap ta' Riksgäldskontoret (Riksgälden), li, meta tlaqt, kien jimpjega madwar 230 persuna. L-erba' kompiti ewlenin ta' Riksgälden huma li jaġixxi bħala l-bank intern tal-Istat (madwar 200 miljun pagament, li jammontaw għal madwar SEK 7 000 biljun fis-sena), li joħroġ garanziji u krediti f'isem l-Istat, li jimmaniġġja d-dejn pubbliku, u li jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja. Dan tal-aħħar jinkiseb, fost l-oħrajn, billi jaġixxi bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Iżvezja filwaqt li jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-kapital u d-dejn tal-banek, jassumi responsabbiltà għall-ġestjoni tal-banek fi kriżi f'każ ta' inadempjenza u jamministra l-garanzija tad-depożiti. Barra minn hekk, Riksgälden huwa responsabbli biex jiżgura l-finanzjament għall-ġestjoni u d-disponiment ta' ffuwil nukleari użat. Riksgälden jipparteċipa f'diversi fora internazzjonali, prinċipalment marbuta mad-disinn ta' sistemi ta' pagament u mal-istabbiltà finanzjarja.

Matul iż-żmien li għamilt bħala Direttur Ġenerali, l-awtorità għaddiet minn diversi bidliet strateġiċi u operazzjonali, parzjalment bħala riżultat tal-espansjoni mill-gvern tal-mandat ta' Riksgälden f'diversi direzzjonijiet differenti. L-aktar bidla sinifikanti kienet li tinbena l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Iżvezja, li kienet saret parti minn Riksgälden bil-għan li jiġu pprevenuti l-kriżijiet u, jekk ikun meħtieġ, jiġu ġestiti l-banek fi kriżi, u tiġi amministrata l-garanzija tad-depożiti. Riksgälden ingħata wkoll kompiti speċjali matul il-pandemija tal-COVID-19 bil-għan li jitnaqqas il-piż fuq in-negozji u jiġi pprevenut it-telf ta' impjiegi. Fl-2018, il-gvern ittrasferixxa r-responsabbiltà biex jiżgura l-finanzjament għall-ġestjoni u d-disponiment tal-iskart nukleari mill-Awtorità Żvediża għas-Sigurtà Radjoloġika lil Riksgälden. Il-bidliet li saru fl-attivitajiet tal-awtorità kienu jfissru l-aġġornament u t-tisħiħ tal-viżjoni, tal-objettivi strateġiċi, tal-kapaċità analitika u tal-enfasi tagħha. Fattur importanti ieħor kien il-ħatra ta' Riksgälden bħala awtorità ta' emerġenza. Dan introduċa rekwiżiti ġodda f'termini ta' reżiljenza, sigurtà, difiża ċivili u tħejjija. Matul iż-żmien li għamilt hemmhekk, il-bank intern tal-Istat biddel is-sistema tal-IT estensiva tiegħu. L-attivitajiet, is-sistemi tal-IT u r-responsabbiltajiet il-ġodda, kif ukoll defiċit finanzjarju inizjali, ġew iffinanzjati aktar milli kompletament permezz tal-ġestjoni tal-impatt u s-simplifikazzjoni.

Il-bidliet li saru saħħew u ġeddew it-tmexxija u l-operazzjonijiet tal-korp f'termini ta' riżultati, skambju ta' ħiliet, reklutaġġ, employeeship u kultura. Kien partikolarment importanti li tiġi introdotta kultura pożittiva u kostruttiva bbażata fuq il-kollaborazzjoni, l-analiżi oġġettiva, il-valuri bażiċi tal-gvern ċentrali u approċċ ikkaratterizzat mir-rekwiżiti għar-rigorożità li huma meħtieġa għal amministrazzjoni tajba u li tiffunzjona tajjeb, il-ġestjoni tal-każijiet u l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

- ***Segretarju tal-Istat (Segretarju tal-Istat għall-Baġit) għal sitt snin b'responsabbiltà għall-baġit tal-Istat u, f'isem l-Iżvezja, l-abbozzar u n-negozjar tal-baġit tal-UE.***

Matul iż-żmien li għamilt bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit, ir-rwol kien jikkonsisti f'li nkun l-uffiċjal ta' għajnuna l-aktar qrib tal-Ministeru għall-Finanzi, fl-insegwiment b'mod attiv tal-formulazzjoni u l-iżvilupp tal-politika ekonomika u f'li nkun responsabbli għat-tħejjija u n-negozjar tal-baġit tal-Istat fl-Uffiċċji tal-Gvern.

Is-Segretarju tal-Istat għall-Baġit kien fost il-grupp ta' mexxejja tal-partiti (il-gvern ta' ħafna partiti) responsabbli għall-finalizzazzjoni tal-baġit. Il-ħidma kienet tinkludi wkoll l-adozzjoni kontinwa ta' pożizzjonijiet u t-tħejjija ta' kwalunkwe deċiżjoni li kellha jew li setgħet kellha implikazzjonijiet baġitarji. Il-ħidma kienet tinkludi l-preżentazzjoni tal-baġit kemm internament kif ukoll esternament, u r-rappreżentanza tal-Ministeru għall-Finanzi u tal-gvern f'diversi kuntesti.

Barra minn hekk, servejt bħala segretarju tal-Istat ta' koordinazzjoni fil-Ministeru għall-Finanzi. Dan kien ifisser, fost affarijiet oħra, li aġixxejt bħala President tal-kumitat ta' tmexxija tal-Ministeru, filwaqt li kont responsabbli għall-ippjanar operazzjonali u – permezz tal-kapijiet tad-dipartiment – mexxejt il-ħidma fil-Ministeru, u f'kooperazzjoni miegħu.

Is-Segretarju tal-Istat għall-Baġit attiva u mexxa t-tim tal-kriżi tal-Ministeru, u b'hekk kellu rwol ċentrali fil-ġestjoni ta' diversi kriżijiet. Dan sar partikolarment evidenti fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja tal-2008/2009 – kriżi li kienet kumplessa u multidimensjonali. Pereżempju, il-ħidma kienet tirrikjedi l-formulazzjoni malajr ta' qafas għall-ġestjoni tal-banek fi kriżi, inklużi proposti għal leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet tas-settur finanzjarju. Il-ġestjoni tal-kriżijiet kienet tinvolvi wkoll l-iżvilupp ta' diversi "pakketti għall-kriżijiet" għal reġjuni u setturi li kienu affettwati b'mod partikolarment sever. L-appoġġ għal pajjiżi affettwati oħra u r-rispons internazzjonali għall-kriżi kienu wkoll elementi importanti.

Fil-kuntest tal-UE, is-Segretarju tal-Istat għall-Baġit aġixxa bħala ministru fil-Kunsill tal-Ministri fir-rigward tal-baġit annwali tal-UE (ECOFIN BUDGET). Il-ħidma kienet tinvolvi n-negozjar tal-baġit annwali tal-UE kemm fil-Kunsill tal-Ministri kif ukoll f'negozjati ta' konċiljazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni Ewropea (imsejħa "trilogi"). Din kienet tinkludi wkoll l-abbozzar u l-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni tal-Iżvezja, l-iżgurar ta' mandat fil-Parlament Żvediż u l-komunikazzjoni esterna rigward dawk il-kwistjonijiet.

- ***Kap tad-diviżjoni u deputat direttur ġenerali fis-Sveriges Riksbank [Bank Ċentrali***

Żviediż] għal perjodu totali ta' sitt snin.

Bħala Deputat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Politika Monetarja, kont responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ħidma ta' previżjoni u għall-istabbiliment ta' linji gwida għad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja u għall-komunikazzjonijiet tal-bord tat-tmexxija ta' Riksbank. Il-ħidma kienet tinvolvi wkoll ir-rappreżentanza tar-Riksbank f'diversi kuntesti esterni.

- ***President jew kap uffiċjal eżekuttiv:***
  - *Grupp ta' Esperti għall-Ekonomija Pubblika (ESO) (tmien snin). L-ESO hija kumitat taħt il-Ministeru għall-Finanzi u għandha l-kompitu li tanalizza u tiddiskuti kwistjonijiet soċjetali importanti b'mod indipendenti. Dan isir prinċipalment mill-bord li jiddeċiedi li jiffinanzja l-produzzjoni ta' diversi rapporti, li min-naħa tagħhom spiss iservu bħala bażi kkwalifikata għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.*
  - *Bord ta' Riżoluzzjoni (sitt snin). Għent biex nibni din l-awtorità l-ġdida mill-bidu nett u kont responsabbli għat-twaqqif ta' operazzjonijiet u għall-istabbiliment ta' proċessi u proċeduri.*
  - *Università West (sena u nofs).*

- ***Membru tal-Bord:***
  - *Uffiċċju tax-Xogħol Żviediż (tmien snin). Fiż-żmien li għamilt f'dan l-Uffiċċju, twettqet ħidma estensiva bil-għan li jiġu żgurati l-konformità, l-akkwist xieraq u l-mira tas-servizz u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni, eċċ. Matul iż-żmien, l-enfasi nbidlet favur it-twettiq ta' bidliet fundamentali fl-istruttura, fil-kultura interna u fl-organizzazzjoni tal-Uffiċċju. Id-diġitalizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-investimenti tal-IT kienu elementi ewlenin fl-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza. Il-kontribut ewlieni tiegħi matul il-perjodu kien li nżomm l-enfasi fuq l-ilħuq tal-objettivi, ir-riżultati u l-governanza u l-kontroll interni.*
  - *Uffiċċju Żviediż tad-Dejn Nazzjonali (disa' snin) (ara hawn fuq).*
  - *Aġenzija Żviediża għall-Għażla tal-Fondi (għadha għaddejja). Din hija aġenzija ġdida li jien involut fiha; Jien inkarigat mill-proċess tal-bini tagħha. Ir-rwol tagħha huwa li toħloq suq b'fondi akkwistati li persuni Żviediżi li jfaddlu għall-pensjoni jistgħu jagħżlu minnhom meta ninvestu proporzjon mill-provvedimenti obbligatorji tal-pensjoni.*
  - *Bank Nordiku tal-Investiment (għadu għaddej).*

- ***President tal-Kummissjoni għall-Produttività*** *(kummissjoni uffiċjali ta' inkjesta) (għadu għaddej).*

- ***Rapporteur****; responsabbli għal kummissjoni uffiċjali ta' inkjesta dwar ir-rwol tal-istat*

fil-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika (erba' xhur).

Id-diversi rwoli professjonali tiegħi kienu kkaratterizzati mill-effiċjenza, il-produttività, l-ippjanar tal-baġit, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-baġits, l-operazzjonijiet, u l-obbligu ta' rendikont. Barra minn hekk, għamilt sforzi kbar biex niżviluppa l-analiżijiet tar-riskju, niffoka l-ħidma tal-awtoritajiet fuq ir-riżultati u nsaħħaħ il-governanza u l-kontroll, kif ukoll biex insaħħaħ u ninkorpora kultura ta' ġestjoni soda. F'din il-ħidma kollha, jien enfasizzajt ir-rwoli importanti tal-awdituri interni u ssalvagwardjat il-kooperazzjoni mal-awdituri esterni, inkluż mal-Uffiċċju tal-Awditjar Nazzjonali. L-esperjenza tiegħi għallmitni – u din hija l-opinjoni soda tiegħi – li kooperazzjoni mill-qrib u soda bejn in-naħa operazzjonali u l-funzjoni tal-awditjar hija meħtieġa, illuminanti, istruttiva u importanti. L-iskrutinju tal-operazzjonijiet minn partijiet ikkonċernati professjonali interni u esterni spiss jipprovdi għarfien u gwida dwar kif jistgħu jittejbu l-ħidma u l-metodi, eċċ.

2. X'inhuma l-aktar kisbiet sinifikanti li kellek matul il-karriera professjonali tiegħek?

Tweġiba:

(a) L-iżvilupp u t-twettiq ta' miżuri tal-"prinċipju ta' xogħol l-ewwel" bejn l-2006 u l-2012. Matul dak iż-żmien, l-Iżvezja kellha problemi estensivi, bi proporzjon għoli tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li ma kinitx qiegħda taħdem minħabba diversi raġunijiet. Fil-qosor, il-"prinċipju ta' xogħol-l-ewwel" kien ifisser it-twettiq ta' sensiela ta' riformi strutturali estensivi, li l-karatteristiċi ewlenin tagħhom kienu tnaqqis immirat fit-taxxa fuq l-introjtu għall-persuni li kienu qed jaħdmu u t-tisħiħ ta' diversi skemi tal-assigurazzjoni soċjali, inkluża l-assigurazzjoni kontra l-qgħad, għall-persuni li ma kinux qed jaħdmu. L-għan kien li jiġu stimulati l-impjiegi, u r-riżultat kien pożittiv. Skont riċerkaturi indipendenti, id-deċiżjonijiet meħuda għenu biex jitnaqqas il-qgħad fit-tul b'1,5-2 punti perċentwali.

(b) Il-ġestjoni tal-kriżijiet b'rabta mal-kriżi finanzjarja tal-2008/2009 u l-pandemija tal-2020/2021.

Matul il-kriżi finanzjarja, jiena kont segretarju tal-Istat u, taħt it-tmexxija tiegħi, ġie żviluppat qafas ġdid biex il-banek fi kriżi jiġu indirizzati f'ħin reali hekk kif bdiet tiżviluppa l-kriżi. L-objettiv ewlieni tal-qafas u tal-azzjonijiet tagħna kien li jiġu ssalvagwardjati l-istabbiltà finanzjarja u l-finanzi pubbliċi u li jiġu protetti l-kontribwenti. Barra minn hekk, twettqu riformi strutturali sabiex tiġi pprevenuta l-esklużjoni tax-xogħol u tal-kapital uman. B'riżultat ta' dan, ġiet żgurata l-istabbiltà finanzjarja, il-finanzi pubbliċi baqgħu b'saħħithom, inżammet il-provvista tax-xogħol u l-qgħad żdied biss bi ftit.

Matul il-pandemija, jiena kont il-kap tal-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali. Xogħli kien li niżgura f'qasir żmien li l-gvern seta', mingħajr xkiel, jagħmel il-pagamenti tiegħu, jimmaniġġja d-dejn nazzjonali u jipprovdi diversi garanziji għan-negozji fi kriżi u, flimkien mar-Riksbank, jiżgura l-istabbiltà finanzjarja. Aħna wettaqna wkoll il-ħidma bażika biex isiru injezzjonijiet sinifikanti ta' kapital fin-negozji fi kriżi, għalkemm din kienet miżura li ma kellniex bżonn nieħdu. Il-ġestjoni tal-kriżijiet kienet tirrikjedi modi ġodda ta' ħidma u kienet tinvolvi kompiti addizzjonali, l-istabbiliment ta' postijiet tax-xogħol paralleli għal xi gruppi ewlenin, u l-possibbiltà li l-maġġoranza vasta tan-nies jaħdmu mid-dar. Il-flessibbiltà, filwaqt li jinżammu u jiġu ssalvagwardjati l-governanza u l-kontroll, kienet karatteristika ewlenija tal-ġestjoni tal-kriżijiet. Kien ukoll il-kompitu tiegħi, bħala l-persuna inkarigata, li nappoġġja u nqawwi qalb il-persunal tiegħi f'dak iż-żmien turbulenti.

(c) Produttività akbar u prestazzjoni mtejba fl-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali. Dan inkiseb permezz ta' sforz immirat biex tiġi żviluppata analiżi tar-riskju adegwata għall-iskop, u biex jittejbu u jissaħħu l-governanza u l-kontroll, b'enfasi akbar fuq ir-riżultati, u bl-introduzzjoni ta' kultura ta' ġestjoni tajba. B'riżultat ta' dan, kien hemm iffrankar kbir, filwaqt li ġie estiż il-mandat tal-gvern tiegħu, ingħatat spinta lill-prestazzjoni u ssaħħew il-governanza u l-kontroll.

(d) Il-ġlieda kontra 12-il każ ta' "tixħim u korruzzjoni", fastidju u governanza u kontroll interni msaħħa. Dan involva bidla kulturali kbira fl-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali. L-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali kien l-ewwel li ffoka l-attenzjoni tiegħu fuq it-tixħim issuspettat b'rabta ma' għadd ta' korsijiet mogħtija esternament. Iddeċidejt li nressaq akkużi kontra 12-il membru tal-persunal u li nippubblika l-avvenimenti. Ma kienx biss il-persunal tal-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali li aġixxa b'mod mhux xieraq, u l-immaniġġjar trasparenti tal-kwistjoni min-naħa tal-Uffiċċju kellu riperkussjonijiet fis-settur pubbliku Żvediż kollu.

(e) Il-ħidma msemmija hawn fuq ġabet ordni u ċarezza, is-sodisfazzjon fix-xogħol u l-fiduċja, u tista' tiġi deskritta fil-qosor b'modi differenti; mod minnhom huwa rifless fl-aħħar stħarriġ tal-persunal fl-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali li kien jikkonċerna lili u ż-żmien li għamilt hemmhekk. Il-bord tat-tmexxija sejjaħ l-eżitu bħala "mingħajr preċedent".

3. X'kienet l-esperjenza professjonali tiegħek ta' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet multikulturali u multilingwistiċi internazzjonali bbażati barra minn pajjiżek?

Tweġiba:

(a) Jiena kont membru tal-Kunsill tal-Ministri tal-ECOFIN BUDGET tal-Iżvezja għal ftit aktar minn sitt snin, inkluż sitt xhur bħala President (fl-2009). Dan kien jinkludi negozjati fi trilogi mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni, kif ukoll il-preżentazzjoni u d-difiża tal-proposti tal-Kunsill fil-Parlament Ewropew;

(b) Jiena kont membru tal-kumitati ta' riżoluzzjoni tal-EBA u tal-FSB għal disa' snin. Il-mandat ta' dawk il-kumitati jinkludi t-tressiq u n-negozjar ta' proposti, kif ukoll il-ħidma fuq diversi regolamenti u rekwiżiti għall-istituzzjonijiet finanzjarji, u s-segwitu tagħhom;

(c) Jiena kont membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Nordiku tal-Investiment għal sentejn. Ix-xogħol ewlieni tal-bord huwa li jiżgura governanza u kontroll sodi, jirregola t-teħid tar-riskju u jivvaluta u jiddeċiedi dwar l-investimenti fi proġetti xierqa.

4. Ingħatajt kwittanza għad-dmirijiet ta' ġestjoni li kont twettaq qabel, jekk tapplika proċedura bħal din?

Tweġiba: Dejjem

5. Liema mill-karigi professjonali preċedenti tiegħek kienu r-riżultat ta' nomina politika?

Tweġiba:

(a) Deputat Kap tal-uffiċċji parlamentari tal-Partit Moderat; tliet snin (2003-2006).

(b) Segretarju tal-Istat li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Finanzi; ftit aktar minn sitt snin (2006-2013).

6. X'inhuma t-tliet deċiżjonijiet l-aktar importanti li kont parti minnhom fil-ħajja

professjonali tiegħek?

Tweġiba:

(a) It-twettiq ta' miżuri tal-"prinċipju ta' xogħol l-ewwel" kif stabbilit fit-tweġiba għall-mistoqsija 2 hawn fuq.

(b) Il-formulazzjoni u d-deċiżjoni dwar politiki ekonomiċi xierqa u l-iżvilupp ta' oqfsa għall-ġestjoni tal-kriżijiet (ara hawn fuq), kemm matul il-kriżi finanzjarja tal-2008/2009 kif ukoll matul il-pandemija tal-2020/2021. Barra minn hekk, deċiżjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-kriżijiet minn perspettiva prattika.

(c) It-tressiq ta' akkużi f'każijiet ta' suspett ta' "tixħim u korruzzjoni" fl-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsijiet 2. Dan ġab bidla kulturali kbira taħt it-tmexxija tiegħi. (Ara hawn fuq.) Sussegwentement, ħafna awtoritajiet kienu obbligati li jagħmlu l-istess, u fl-aħħar mill-aħħar dan irriżulta biex ħafna impjegati taċ-ċivil instabu ħatja ta' reati ta' tixħim. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-governanza, tal-kontroll u ta' enfasi fuq ir-riżultati fl-Uffiċċju tax-Xogħol u fl-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali.

Indipendenza

7. It-Trattat jistipula li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jridu jkunu "kompletament indipendenti" fil-qadi ta' dmirijiethom. Kieku inti kif twettaq dan l-obbligu fil-qadi tad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

Tweġiba: L-indipendenza, l-integrità, l-oġġettività, it-trasparenza u l-professjonaliżmu huma l-prinċipji fundamentali li fuqhom hija bbażata l-kredibbiltà tal-Qorti. Jekk ninħatar, jien se nirrispetta r-regoli u l-prinċipji stabbiliti mil-liġi u l-linji gwida tal-Qorti, eċċ. Se nirriżenja minn rwoli oħra, se nipprattika tolleranza żero fir-relazzjonijiet mal-partijiet esterni fir-rigward tal-influwenza, ir-rigali, id-divertiment, eċċ. u se nagħmel dan b'integrità kbira. L-approċċ tiegħi għar-rwol se jiġi ddeterminat mill-prinċipji fundamentali. La se nfittex u lanqas se nieħu struzzjonijiet mingħand xi ħadd. Ma għandi l-ebda problema biex nibqa' kompletament newtrali, irrispettivament minn min jew x'qed ikun qed jiġi skrutinizzat. Fl-imġiba personali tiegħi, se nagħmel ħilti biex nagħti eżempju. Fil-ħajja professjonali tiegħi, il-klijent aħħari dejjem kien iċ-ċittadin. Issa l-attenzjoni tiegħi se tkun iffukata fuq l-aħjar interessi taċ-ċittadini tal-UE.

8. Inti jew qraba stretti tiegħek (ġenituri, aħwa, sieħeb/sieħba legali u wlied) għandek jew għandhom xi azjendi tan-negozju jew finanzjarji, jew xi impenji oħra, li jistgħu jidħlu f'kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

Tweġiba: LE

9. Lest tiżvela l-interessi finanzjarji tiegħek kollha u impenji oħra lill-President tal-Qorti, u li tagħmilhom pubbliċi?

Tweġiba: IVA

10. Inti involut f'xi proċedimenti legali attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Tweġiba: LE

11. Għandek xi rwol attiv jew eżekuttiv fil-politika, jekk iva, f'liema livell? Okkupajt xi kariga politika f'dawn l-aħħar 18-il xahar? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Tweġiba: LE

12. Se tirtira minn kwalunkwe kariga li ġejt elett fiha jew titlaq kull funzjoni attiva b'responsabbiltajiet f'partit politiku jekk tinħatar Membru tal-Qorti?

Tweġiba: IVA

13. Kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek?

Tweġiba: Nirrapporta u nieħu azzjoni legali bil-mod preskritt u stabbilit, irrispettivament minn fejn iseħħ jew lil min jinvolvi. Għandi esperjenza rilevanti. Ara l-mistoqsija 2 hawn fuq.

Qadi tad-dmirijiet

14. X'għandhom ikunu l-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba fi kwalunkwe servizz pubbliku? Kif tista' l-QEA tgħin biex issaħħaħha?

F'termini ta' approċċ bażiku ġenerali għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin, inkun prużuntuż jekk nikkummenta dwar modi differenti ta' ħidma, u ta' ħidma konġunta, mingħajr ma jkolli esperjenza personali ta' dan. Il-fehma tiegħi b'mod ġenerali hija li qabel ma nfassal konklużjonijiet, l-ewwel nixtieq nifforma l-opinjoni tiegħi stess dwar kwistjonijiet. Madankollu, dan ma jfissirx li jien inġenwu jew mhux ippreparat; fil-fatt, ħafna drabi nikseb informazzjoni minn qabel jien stess.

Tweġiba: Kultura ta' ġestjoni tajba hija kkaratterizzata minn kompetenza, regolarità, effiċjenza, ftuħ, trasparenza u komunikazzjoni. Hija kkaratterizzata wkoll minn analiżi u valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa u strutturati, segwitu, ambjent ta' kontroll b'sistemi ta' kontroll interni u esterni, kontrolli u monitoraġġ, u responsabbiltà. Dan jippresupponi, fost l-oħrajn, tmexxija tajba u approċċ professjonali u indipendenti. F'kultura ta' ġestjoni trasparenti u soda, huwa naturali li wieħed jiffoka f'kull ħin fuq l-aħjar interessi taċ-ċittadin. Hija kultura kkaratterizzata fost l-oħrajn mil-legalità, l-oġġettività, il-professjonaliżmu, il-prudenza f'dak li jirrigwarda l-flus ta' persuni oħra, u approċċ kawt biex wieħed jiġi fdat bil-ġestjoni tal-fondi. Dan ifisser, fost affarijiet oħra, is-salvagwardja tal-effiċjenza u tal-effettività.

15. Skont it-Trattat, il-Qorti għandha l-obbligu li tassisti lill-Parlament huwa u jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Kieku inti kif tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti u l-Parlament Ewropew (b'mod partikolari, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu) biex issaħħaħ sew is-sorveljanza pubblika fuq l-infiq ġenerali kif ukoll il-kosteffettività ta' dak l-infiq?

Tweġiba:

Jien se nħabrek biex nikseb kooperazzjoni li tiffunzjona tajjeb ħafna bbażata, fost l-oħrajn, fuq livell għoli ta' trasparenza, professjonaliżmu, grad għoli ta' fiduċja reċiproka, u rispett reċiproku għar-rwoli differenti tagħna u l-fehim tagħhom. Naturalment, ħaġa waħda li wieħed jittama hija li r-rapporti prodotti u l-ħidma mwettqa jkollhom impatt, li, imbagħad, jiddependi minn kif il-Parlament isegwi r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet. Għalhekk, ikolli l-għan li niżgura livell għoli ta' rilevanza u kwalità fir-rapporti tal-Qorti sabiex jiġu aġevolati s-segwitu tal-Parlament u l-ħidma tal-Kummissjoni. (Ara wkoll hawn taħt.)

16. X’valur miżjud taħseb li jġib miegħu l-awditjar tal-prestazzjonijiet u s-sejbiet kif għandhom jiġu inkorporati fil-proċeduri ta’ ġestjoni?

Tweġiba: Awditu tal-prestazzjoni mwettaq kif xieraq huwa importanti biex jiġi żgurat li l-fondi jkunu ntużaw b’mod effettiv u, fl-aħħar mill-aħħar, biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini. Fl-esperjenza tiegħi, barra minn hekk, entità awditjata tista’ f’ħafna każijiet, titgħallem ħafna minn awditu tal-prestazzjoni mwettaq kif xieraq. F’ħafna okkażjonijiet, fil-kapaċità tiegħi bħala kap ta’ awtorità jew bħala membru tal-bord fl-awtoritajiet u d-ditti tgħallimt mis-sejbiet tal-awditjar tal-prestazzjoni. Imbagħad jiena stajt inqiegħed dik l-esperjenza u dak l-għarfien fil-prattika, fost l-oħrajn, fil-governanza tal-awtoritajiet, bil-ħsieb li jsir titjib.

17. Kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' awditjar u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) rigward l-awditjar tal-baġit tal-UE?

Tweġiba: F'konformità mal-approċċ bażiku ġenerali tiegħi kif stabbilit hawn fuq, jiena nemmen li huma kruċjali skambju ta' informazzjoni li jiffunzjona tajjeb, u li jkun strutturat u trasparenti, livell għoli ta' fehim tal-ħtiġijiet ta' kull naħa u arranġamenti kollaborattivi li jaħdmu tajjeb. Hija sħubija! Irrid nipproteġi dan.

18. Kieku inti kif tiżviluppa aktar ir-rapportar tal-QEA biex il-Parlament Ewropew jingħata kull informazzjoni meħtieġa dwar l-akkuratezza tad-data mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea?

Tweġiba: B'mod ġenerali, ir-rapportar irid ikun ibbażat fuq żvilupp u djalogu kontinwi, bil-Qorti tiżgura li l-Parlament Ewropew (u l-Kunsill) jirċievi informazzjoni rilevanti li jista' jitgħallem minnha u bbażata fuq l-operazzjonijiet. Aspett ewlieni ta' dan jikkonsisti fit-tisħiħ kostanti tal-utilità tal-osservazzjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, jiġifieri l-iżgurar li tkun tista' ssir ħidma fuqhom u li jkunu jistgħu jiġu segwiti. Dan huwa wkoll fl-interess tal-klijent aħħari, jiġifieri l-pubbliku.

Mistoqsijiet oħrajn

19. Tirtira l-kandidatura tiegħek jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek bħala Membru tal-Qorti ma tkunx favorevoli?

Tweġiba: IVA Għalija, il-fiduċja u r-rispett tal-Parlament huma fundamentali. Peress li kooperazzjoni tajba bejn il-Qorti u l-Parlament li taħdem sew u li hija bbażata fuq il-fiduċja hija kruċjali, jien tal-fehma li jkun diffiċli għalija li nwettaq dmirijieti kif suppost jekk il-kandidatura tiegħi ma tkunx kisbet fiduċja u appoġġ. Għaldaqstant, f'ċirkostanzi bħal dawn, jiena nirtira l-kandidatura tiegħi.